TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 133/12-F

**Polly u Joseph Abela**
**vs**
**Mario Gatt - Setronics**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), rappreżentanti prezz ta' *radio cassette* li wara xi xahar li kien intuża, dan ir-*radio* ma baqax idoqq.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *radio cassette* għall-prezz ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75) u wara xi xahar li ntuża, dan ma baqax idoqq. Minkejja li l-intimat naddaflu l-*head* tar-radju, wara ftit dan xorta ma bediex idoqq ċar.

L-intimat issottometta illi l-problema kienet fil-ħmieġ tal-*casettes* għax kull darba li jnaddaf il-*head*, dan mill-ewwel jibda jdoqq tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, illi dan ir-*radio cassette* beda jmur u li r-rikorrenti m'għandhomx it-tort.

Għalkemm seta' kien hemm xi fattur li kkontribwixxa forsi mill-ħmieġ tal-*cassette*, dana żgur illi ma kienx ir-raġuni prinċipali għalfejn ma baqax jaħdem.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' sittin ewro (€60), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u b'dan illi r-*radio cassette* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**